## 14 ta' Gunju, 1955

## Imħallef:
## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmelo Cauchi *versus* Joseph Camilleri

### Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Att Ġudizzjarju

*Il-vera pożizzjoni, meta tiġi opposta xi waħda mill-preskrizzjonijiet qosra, hija illi, kif tiġi opposta dik il-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jagħti l-ġurament lill-konvenut, jew billi juri li għal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni mhix ammissibbli, jew illi kien hemm sospensjoni jew interuzzjoni tagħha. B'dana, però, illi, wara li l-attur ikun għażel wieħed minn dawn il-mezzi, huwa ma jkunx jista', ħlief f'każi eċċezzjonali, jikkumbatti dik il-preskrizzjoni b'wieħed mill-mezzi l-oħra.*

*Il-kawżi interruttivi tal-preskrizzjoni huma dawk li jivverifikaw ruħhom fil-kors tal-preskrizzjoni, u li jirrendu inutili ż-żmien li jkun iddekorra qabel, imma ma jimpedixxux il-preskrizzjoni.*

*L-interruzzjoni hi ta' żewġ speċi — ċivili u naturali. Hija ċivili dik li ssir permezz ta' att ġudizzjarju, sija da parti tal-kreditur sija da parti tad-debitur.*

*Da parti tal-kreditur l-atti ċivili interruttivi tal-preskrizzjoni huma l-att ġudizzjarju jew id-domanda ġudizzjarja; imma jridu dejjem ikunu atti li saru fil-kors tal-preskrizzjoni. Da parti tad-debitur, hu att ċivili interruttiv tal-preskrizzjoni r-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditur.*

*B'att ġudizzjarju għandu jiftiehem, skond il-liġi, dak li jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qorti u li jiġi notifikat lid-debitur per mezz tal-Qorti. Is-sempliċi konsenja ta' kont ma ħix att ġudizzjarju.*

*In kwantu għar-rikonoxximent da parti tad-debitur, dan jista' jkun tant espress kemm taċitu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jippremetti illi huwa kien jaħdem mal-konvenut f'xogħol tal-ġebel, u kellu jieħu mingħand il-konvenut, bħala paga, is-somma ta' £37.7.6; u illi l-konvenut ħallas biss £11.12.6 akkont ta' din is-somma; u billi l-konvenut kellu jieħu minn għandu £1.3.6 ta' xi fliexken xorb li huwa kien xtara minn għandu, u b'hekk b'kollox £12.16.0, u għalhekk fadallu jagħ-

ti £24.12.6; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £24.12.6, jew somma verjuri, bilanċ ta' somma akbar, bħala salarju lilu dovut ta' xogħol fil-ġebel magħmul fl-interess tal-konvenut. Bl-ispejjeż. Il-konvenut ġie inġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi xi sitt snin ilu l-attur kien jaħdem bħala lavrant mal-konvenut fil-ġebel, u dam jagħmel hekk għal xi tmien xhur. Huwa jippretendi li l-attur ħallsu l-ewwel darba, u ma ħallsux iżjed, imma kien jittamaħ illi jħallsu, billi, meta kien jitolbu biex iħallsu, il-konvenut kien jgħidlu illi kellu jaħsiblu għal ʼ il-ħlas. L-attur jgħid illi l-konvenut għandu jagħtieħ £24.12.6 bħala bilanċ tal-prezz tax-xogħol li għamillu, kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Għal din it-talba ta' l-attur il-konvenut jopponi fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar;

Ikkunsidrat, rigward din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi l-preskrizzjoni applikabbli għal dan il-każ hi dik ta' tmintax il-xahar, kif dispost fl-art. 2253(a) tal-Kodiċi Ċivili. Din il-preskrizzjoni, li ġiet opposta mill-konvenut, hi waħda minn dawk li timporta preżunzjoni ta' pagament. Hu magħruf illi l-vera pożizzjoni f'każ ta' eċċezzjoni bħal din hi illi, kif tiġi opposta l-preskrizzjoni mill-konvenut, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jagħti l-ġurament lill-konvenut, jew billi juri illi għal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni mhix ammissibbli, jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha; b'dana, però, illi, wara illi l-attur ikun għażel wieħed minn dawn il-mezzi, huwa ma jkunx jista', jekk mhux f'każi eċċezzjonali, jikkumbatti dik il-preskrizzjoni b'wieħed mill-mezzi l-oħra; għaliex hi massima li "electa una via non datur recursus ad alteram";

Illi, biex jikkumbatti l-preskrizzjoni opposta kontra tiegħu mill-konvenut, l-attur għażel il-mezz ta' l-interruzzjoni, u għal dana l-iskop huwa pproduċa d-dokument fil-fol. 7 tal-proċess, li hu l-kont tal-prezz tax-xogħol tiegħu fuq imsemmi, u illi huwa jgħid li kien taħ lill-konvenut, wara illi dana kien talabhulu, f'Novembru, 1950;

Illi jiġi rilevat mill-ewwel illi l-fatt imsemmi mill-attur ma jikkostitwix interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-każ taħt konsiderazzjoni. Hu magħruf illi l-kawżi interruttivi tal-*preskrizzjoni huma dawk li jivverifikaw ruħhom* fil-kors tal-preskrizzjoni, u li jirrendu inutili ż-żmien li jkun iddekorra qabel, imma ma jimpedixxux il-preskrizzjoni. Din l-interruzzjoni hi ta' żewġ speċi — naturali u ċivili. L-interruzzjoni ċivili hi dik li ssir permezz ta' att ġuridiku, sija da parti tal-kreditur, sija da parti tad-debitur. L-atti ċivili in*terruttivi tal-preskrizzjoni da parti* tal-kreditur huma l-att ġudizzjarju u d-domanda ġudizzjarja; da parti tad-debitur l-att ċivili interruttiv tal-preskrizzjoni hu r-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditur;

Illi ma jirriżultax li kien hemm da parti ta' l-attur l-att ġudizzjarju, u lanqas id-domanda ġudizzjarja. B'att ġudizzjarju *jifthem, skond il-liġi, dak* l-att li *jiġi preżentat* fir-Reġistru tal-Qorti, u li jiġi notifikat lid-debitur permezz tal-Qorti. Fil-każ taħt konsiderazzjoni, l-attur ma għamelx dan l-att, imma huwa sempliċement ikkonsenja lill-konvenut il-kont ġa msemmi; liema konsenja ma tikkostitwix l-att ġudizzjarju. Barra minn dan, anki kieku dik il-konsenja ta' *dokument kellha b'xi mod tekwivali* għal att ġudizzjarju, dak l-att ta' konsenja ġie effettwat f'Novembru, 1954, jiġifieri mhux fil-kors tal-preskrizzjoni, imma wara illi l-istess preskrizzjoni kienet ġa għaddiet, u kwindi ma kienx il-każ ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni. Id-domanda ġudizzjarja da parti ta' l-attur, imbagħad, saret permezz ta' dina ċ-ċi*tazzjoni, jiġifieri* wara illi ż-żmien tal-preskrizzjoni kien skada, u għalhekk ma servietx biex tinterrompi l-preskrizzjoni. In kwantu għar-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditur, dan jista' jkun tant espress kemm taċitu. Fil-każ taħt konsiderazzjoni, ma jirriżultax illi l-konvenut qatt irrikonoxxa espressament il-kreditu pretiż mill-attur. Infatti, huwa jiċħad illi talab il-kont lill-attur, jew illi qatt qallu illi kien bil-ħsieb li jħallsu. Rigward dak li jsemmi l-attur, jiġifieri illi huwa ħa flixkun brandy u flixkun Kio-Ora Orange mingħand il-konvenut akkont tal-kreditu tiegħu, jingħad illi, apparti li l-konvenut jiċħad illi hu ta dawn il-fliexken xorb lill-attur, l-istess fliexken l-attur jgħid li ħadhom xi ħames

snin ilu; u għalhekk, jekk kien hemm xi rikonoxximent taċitu da parti tal-konvenut tal-kreditu ta' l-attur permezz ta' dawk il-fliexken, dan ir-rikonoxximent ma jiswiex għall-finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni; għaliex, fil-każ, minn mindu sar sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni għad-dew ħames snin, u kwindi iżjed miż-żmien rikjest mill-liġi għall-kompiment tal-preskrizzjoni taħt eżami;

Illi għalhekk l-attur ma rnexxielux jipprova illi huwa nterrompa l-preskrizzjoni opposta mill-konvenut;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u konsegwentement teskludi l-attur mid-domanda dedotta minnu fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra tiegħu.